MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 56/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Cassar**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Cassar (detentur tal-karta ta' l-identita` nru 59657(G)) talli f' dawn il-gzejjer, fuq il-Monti tar-Rabat, Ghawdex, fil-25 ta' Lulju 2002, fil-hinijiet ta' filghodu waqt spezzjoni:

1. xjentament ghamel uzu ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi, u cioe` tal-marka "LACOSTE", li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-

bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc (40) erbghin kappell bil-marka tal-Lacoste, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, dan bi ksur l-Artikolu 298(1) tal-Kap. 9; u

2. talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra, jew hwejjeg u cioe` (40) erbghin kappell tal-marka “Lacoste”, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-Ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’ hekk gie jopera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legali 120/92, kif ukoll ai termini ta’ l-Artikolu 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Jannar, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Cassar hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu – hlief ghat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni li minnha gie liberat minhabba preskrizzjoni – u, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 21 tal-Kap. 9, ikkundannatu multa komplessiva ta’ elf u hames mitt lira maltin (Lm1500) (illum Ewro tlett elef erba’ mija u disgha w erbghin – E3494); dik il-qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti ezibiti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Lawrence Cassar, minnu prezentat fl-14 ta’ Frar 2007, li permezz tieghu talab talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat kull fejn instab hati ta’ xi haga;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda numru ta’ kpiepel (40 b’kollox) tad-drapp (tas-sajf) b’emblema simili ghal tad-ditta “Lacoste” – il-kukkudrill – mehjuta fuq barra. L-appellant ghandu tlett aggravji.

L-ewwel aggravju u t-tieni aggravju jistghu jigu konvenjentement trattati flimkien. Dawn l-aggravji huma, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti applikat hazin il-ligi ghax, filwaqt li applikat l-Artikolu 300 li f'dan il-kaz ma kienx applikabbli, naqset milli tapplika korrettement l-Artikoli 299 u 302 tal-Kodici Kriminali – kieku hija applikat sew dawn iz-zewg disposizzjonijiet, l-appellant jikkontendi li kellu jigi lliberat. Issa, ghalkemm huwa minnu li l-Artikolu 300 tal-Kap. 9 kien, f'dan il-kaz, irrelevanti – dana l-artikolu jirreferi ghal paragrafi tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 298 li bihom Cassar ma giex akkuzat – mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tista' b'ebda mod taqbel ma' l-appellant li huwa kellu jigi liberat ghax ipprova fuq bazi ta' probabbilita` "li ma kellux hsieb doluz" (Art. 299) jew ghax ipprova, dejjem fuq bazi ta' probabbilita`, it-tlett rekwiziti msemmija fl-Artikolu 302. Hawnhekk ghandna persuna li, kif stqarr huwa nnifsu, ilu jbiegh fuq il-monti ta' Ghwdex minn mindu kellu 18-il sena (ara stqarrija, fol. 16). Fiz-zmien meta gie interrogat kellu 44 sena. Kemm quddiem l-ewwel qorti fid-deposizzjoni tieghu kif ukoll quddiem din il-Qorti tal-Appell permezz tar-rikors, l-appellant irid jikkonvinci lill-awtorita` gudizzjarja li, ghalkemm kien jaf bid-ditti NIKE u ADIDAS, hu qatt, f'dawn is-sitta w ghoxrin sena, ma kien sema' bid-ditta LACOSTE u li ma kienx jaf li l-kukkudrill hadrani b'denbu milwi huwa s-simbolu jew emblema tad-ditta Lacoste. L-ewwel qorti, bhal din il-Qorti, issib tali affermazzjoni da parti ta' l-appellant bhala semplicement inkredibbli, cioe` li ma tistax titwemmen. Huwa minnu li l-kukkudrill mehjut fuq il-kpiepel kellu divergenzi minn dak ufficjali tal-LACOSTE – fis-sens li ma kienx xi imitazzjoni perfetta – izda fil-fehma tal-Qorti kien jixxiebah bizzejjed biex seta jinganna lil min ma jkunx espert f'dawn il-marki jew ma jkollux quddiemu u f'idejh kopja tas-simbolu genwin biex ikun jista' jqabblu dak il-hin li jkun qed jixtri. Fil-fehma tal-Qorti l-appellant kien jaf li dak il-kukkudrill – li huwa jsejjahlu "semplici disinn" – jirrapresenta ditta partikolari, pero` gie jaqa' w iqum u xorta espona ghall-bejgh il-kpiepel in kwistjoni. Ghalhekk ma hux il-kaz li gew b'xi mod meghluba l-presunzjonijiet tal-ligi skond l-Artikoli 299 u/jew 302. Konsegwentement dawn l-ewwel zewg aggravji qed jigu respinti.

It-tielet u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jqis li kienet eccessiva. Din il-Qorti ma taqbilx. Ir-reat skond l-Artikolu 298 igorr mieghu piena karcerarja ta’ bejn erba’ xhur u sena prigunerija, u kien biss bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali – u forsi b’tigbid ta’ l-istess Artikolu 21 sal-limitu ta’ dak li hu legalment accettabbli – li l-ewwel qorti waslet biex flok piena karcerarja tinfliggi piena pekunjarja. Il-piena, imbaghad, skond l-Artikolu 298B, hija ta’ multa ta’ mhux anqas minn hamest elef lira (jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien). Tenut kont ta’ l-antecedenti penali tal-appellant, kif ukoll tal-gravita` tar-reat, bil-possibilita` gholja ta’ ingann lill-konsumatur, din il-Qorti ma tara xejn esagerat fil-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------